MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 879/2008

**Michelle Decelis (K.I. 537376M) u zewgha Ivan Decelis ghal kull interess li jista' jkollu u Charlise Attard (K.I. 418888M)**
**vs**
**Catherine Gusman**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta'disa' mija u hamsin ewro (€950) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' kors ta' 'nail technician' li jinkludi kwantita' ta' prodotti suppliti li ma kienux ta' kwalita' tajba u sodisfacenti.

Premess illi l-intimata toffri servizz, fost ohrajn, ta' taghlim (li jinkludi ukoll xi prodotti suppliti mill-intimata) fil-forma ta' kors biex wiehed jikkwalifika bhala *Nail Technician*.

U peress li l-intimata kienet tirreklama dan il-kors skond is-segwenti bran fuq il-*web-site* taghha: *"A School*

*Diploma / Certificate (licenced from the Malta Education Department) is awarded to the successful candidates".*

U peress ukoll illi z-zewg rikorrenti ghazlu l-kors offrut mill-intimata propju in vista' ta' dak li kien jikkontjeni dan il-bran tar-reklam citat fil-paragrafu precedenti u cioe' li d-diploma/certifikat kienu maghrufa mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

U premess li r-rikorrenti hallsu s-somma ta' disa' mija u hamsin Ewro (€ 950) kull wiehed sabiex gew arrwolati f'dan il-kors, li ghalih huma attendew u temmew fid-9 ta' Lulju, 2008.

U premess li wara li temmew dan il-kors ir-rikorrenti skoprew li ma kienx minnu li c-certifikat/ diploma li huma kienu ottjenew minghand l-intimata kien maghruf mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u dan b'zieda wkoll mal-fatt li l-prodotti suppliti mill-intimata ma kienux ta' kwalita' tajba u sodisfacenti, u s-servizz offert ma kienx wiehed tajjeb u anqas minn dak reklamat.

Illi meta r-rikorrenti gharrfu lill-intimata b'dan u talbuha sabiex tirrifondihom dak li huma kienu hallsu in konnessjoni mal-kors fuq imsemmi, din irrifjutat, u immedjatament biddlet ir-reklam taghha fuq citat minn fuq il-*website*, u sussegwentement sahansitra nehhiet il-*web-site* taghha.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1) Jiddikjara li c-certifikat / diploma mahrug mill-intimata a favur ir-rikorrenti meta huma temmew il-kors fuq riferit ma hux maghruf mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u ghaldaqstant mhux skond kif irreklamat mill-intimata.

2) Tiddikjara wkoll illi l-prodotti suppliti mill-intimata ma kienux ta' kwalita' tajba u sodisfacenti, u s-servizz offert ma kienx wiehed tajjeb u anqas minn dak reklamat.

3) Konsegwentement jikkundanna lill-intimata sabiex tirrifondi lil kull wahda miz-zewg rikorrenti s-somma ta'

disa' mija u hamsin Ewro (€ 950) minnhom imhallsa ghal dan il-kors.

Bl-imghaxijiet mid-data li fiha r-rikorrenti hallsu lill-intimata ghall-kors u bl-ispejjez kontra l-intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuta fejn qalet illi t-talbiet ghandhom jigu michuda stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi s-servizz moghti mill-eccipjenti kien tajjeb u l-prodotti suppliti kienu wkoll ta' kwalita' tajba;

Illi l-eccipjenti hija kwalifikata u ghandha licenzja bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex toffri korsijiet relatati mas-sbuhija hekk kif ser jigi ppruvat.

Bl-ispejjez kontra l-atturi,

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Ra u sema' l-provi ta' Catherine Gusman, Michelle Decelis, Carmel Busuttil, Josette Attard u Charlise Attard

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta tahdem bhala *nail technician* u *hairdresser* kif ukoll toffri korsijiet ghal min huwa interessat fis-suggett. Illi fiz-zmien meta hadu l-kors l-atturi, il-konvenuta kienet topera permezz ta' sit elettroniku bl-isem www.catherinenailshairandbeautyschool.com. Illi fl-2008 giet mitluba tbiddel l-isem tas-sit elettroniku taghha fuq talba ta' Dipartiment tal-Gvern ghaliex giet mitluba tnehhi l-kelma *school* u dan ghaliex hija kienet licenzjata ghal *tuition centre* peress illi d-daqs tac-centru taghha ma kienx jikkwalifika bhala skola. Illi s-sit elettroniku gdid kellu jissejjah www.kleramalta.com. Illi l-atturi kienu hallsu €950 kull wiehed ghal kors ta' sbatax-il lezzjoni. Illi ftit wara li

tlesta dan il-kors u wara li l-atturi kienu gewipprezentati b'certifikat, ftit xhur wara ghal habta ta' Settembru marru jilmenatw dwar ic-certifikat ghaliex qalu li ma kienx validu u li ma kienx accettabbli ghal min kienet marret taghmel *interview* ghandu/a, l-attrici Michelle Decelis. Illi kien hemm ukoll ilment dwar il-prodotti li gie allegat illi kien ta' kwalita' inferjuri. Izda jirrizulta li waqt il-kors ma kien hemm ebda ilment dwar il-kwalita' tal-pordotti uzati. Inghad illi l-konvenuta kienet qaltilha li c-certifikat kien approvat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Izda rrizulta sussegwenetement, lill-konvenuta, li meta hija ccekjat mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni saret taf illi ghalkemm hija kienet licenzjata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, c-certifikat li hija harget ma kienx akkreditat mad-dipartiment ta' l-edukazzjoni izda ma jfissirx illi dan inhareg hazin. B'ammissjoni stess tal-konvenuta hija qalet illi ghalkemm fis-sit eletroniku kien hemm illi c-certifikat u d-diploma kienu licenzjati mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, fil-fatt kull certifikat li hija harget m'huwiex akkreditat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Illi mill-provi tal-attrici Decelis irrzulta li hija ghazlet li tinghata servizz mill-konvenuta wara li kienet zaret is-sit elettroniku tal-konvenuta ta' dak iz-zmien fejn giet reklamata skola tad-dwiefer, xaghar u sbuhija u li kienet qieghda toffri diploma. Hija ghazlet lil Gusman bhala struttrici ghaliex parti mis-servizz li kienet qed toffri kien esperjenza ta' xoghol ghal min ikollu success fil-kors. Hija ma kienetx qieghda tfittex certifikat rikonoxxut internazzjonalment izda kienet sodisfatta b'certifikat rikonoxxut mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Hija ghazlet il-kors ta' *nail technician.* Dan il-kors kien jiswa €950 li jinkludi sittax-il lezzjoni. Mal-lezzjonijiet kien hemm inkluz il-prodotti li kellhom jintuzaw. Decelis ilmentat illi matul il-kors ma kelliex attenzjoni bizzejjed minn naha tal-konvenuta, li l-prodotti ma kienux ta' kwalita' tajba u meta marret taghmel verifiki mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni saret taf illi l-iskola tal-konvenuta ma kienetx rikonoxxuta mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni kif intqal minnha. Ix-xhud spjegat kif wara dak il-kors hija kellha taghmel kors iehor band'ohra.

It-Tribunal jirrilleva li l-kors sussegwenti li kienet ghamlet l-attrici Decelis ghalkemm ma kienx iccertifikat mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni kien kors b’certifikat rikonoxxut internazzjonalment. Minn dak iz-zmien saret taf ukoll illi sabiex tghallem it-teknika tad-dwiefer wiehed ma kellux bzonn certifikat mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u lanqas qatt ma setghet tircievi certifikat mit-tali Dipartiment.

It-Tribunal jirrilleva li l-konvenuta kienet licenzjata mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni bhala centru ta’ taghlim (*tuition*) biss u dan sa mill-2005. Jirrizulta li hija qatt ma setghet tirreklama li kienet topera skola ta’ sbuhija ghaliex id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni qatt ma jakkredita *tuition centres* u li l-konvenuta kellha l-permess li topera *tuition centre* u mhux skola. Illi effettivament id-Dipartiment tal-Edukazzjoni qatt ma jiccertifika dawn it-tipi ta’ korsijiet . Jirrizulta li l-konvenuta kellha l-impressjoni li peress illi hija kienet licenzjata mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni awtomatikament hija kienet akkreditata mall-istess Dipartiment u li kellha s-setgha li tohrog certifikati tramite id-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Illi fil-fatt il-konvenuta bis-sahha tal-licenzja li kellha setghet tohrog certifikati izda mhux f’isem id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni izda f’isimha. Il-konvenuta kif ukoll kwalunkwe’ *tuition centre* tas-sbuhija ohra qatt ma setghu jiddikjaraw illi c-certifikati mahruga minnhom setghu jkunu akkreditati mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni.

Illi jirrizulta li kien sar zball minn naha tal-konvenuta meta giet sabiex tirreklama s-servizz taghha tant illi kellha tbiddel kemm l-isem tas-sit elettroniku li bih kienet qed topera kif ukoll certu informazzjoni relatat mac-certifikazzjoni. Tant hu hekk illi permezz ta’ emajl mibghut minnha lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni hija skuzat ruhha ghal kwalunkwe’ inkonvenjent li hija setghet ikkawzat minhabba li t-terminologija zbaljata li hija uzat fis-sit elettroniku taghha.

Illi meta wiehed jgharbel il-fatti jara li l-konvenuta kellha l-permess li topera *tuition centre* u li fil-fatt ghal min ha juza s-servizzi taghha l-fatt illi ma setghetx tuza l-kliem ‘*school*’

kemm fis-sit elettroniku taghha jew fattwalment m'ghandux ikollu effett negattiv fuq l-istudenti ghaliex fil-fatt hija kienet licenzjata bhala '*tuition centre*' cioe' centru ta' taghlim. Illi forsi zgwida lill-atturi kien il-fatt illi huma hasbu li dan ic-centru kien akkreditat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li fil-fatt ma kienx. It-Tribunal huwa tal-fehma li wara li sema' x-xhieda tal-eks-Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u kellu x'jaqsam mas-sezzjoni '*Non state schools*' jikkonkludi li veru li s-sit elettroniku tal-konvenuta ma kienx konformi mar-regolamenti tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni izda dan ma jfissirx illi l-konvenuta kienet projbita milli tghallem u ticcertifika l-korsijiet taghha. Il-problemi nqalghu meta hija kienet qalet lill-istudenti taghha li kienet qed tistenna c-certifikat minn naha tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni izda dan qatt ma seta' jsehh.  Illi fil-fatt kellha eventwalment tohrog ic-certifikati hija stess bir-rizultat li dawn ic-cerifikati ma kienux fuq karta ta' kwalita'.  Ghandu jinghad ukoll illi c-centru ta' taghlim tal-konvenuta kien licenzjat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

It-Tribunal jirrilleva li l-kors sussegwenti li hadet l-attrici Decelis ma terzi lanqas ma kien iccertifikat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni izda kien kors iccertifikat u rikonoxxut internazzjonalment.  It-Tribunal jirrilleva li Decelis qatt ma produciet dan ic-certifikat quddiem dan it-Tribunal. Illi ghalkemm l-attrici Decelis kienet stqarret fl-ewwel xhieda taghha li hija ma kienetx interessata f'certifikat li jkun rikonoxxut internazzjonalment esigiet illi jkun certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif kien hemm miktub fis-sit elettroniku. Illi fil-kors sussegwenti rrizulta li c-certifikat lanqas ma kien mahrug mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghaliex dan qatt ma seta' jkun possibli. It-Tribunal jirrilleva ukoll illi fis-sit elettroniku li kienet rat l-attrici Decelis kien isemmi li wara li jkun tlesta il-kors b'success kellu jinhareg *school diploma/certificate* lil dawk l-istudenti. Illi d-dicitura fis-sit elettroniku ma kienx wiehed felici. Fis-sit elettroniku kien hemm illi kellhom jinhargu certifikati u f'parentesi kien hemm miktub il-kliem 'licenzjata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.' In effetti qatt ma kien hemm miktub illi c-certifikati kellhom ikun mahruga mid-Dipartiment izda

intuzat il-kelma 'licenzjata.' Kelma li pjuttost ma tinftiehemx lanqas bil-kelma Ingliza ghaliex tindika certa konfuzjoni ta' uzu ta' kliem.

Illi t-Tribunal huwa konvint illi l-konfuzjoni inqalghet' minhabba l-uzu tal-kliem zbaljati tal-konvenuta, ghaliex it-Tribunal qatt ma jista' jifhem illi certifikat jista' jkun licenzjat ('…*certificate/diploma licensed by the Education Department*…') izda certifikat f'cirkostanzi bhal ma kellha l-konvenuta setghu biss ikunu mahruga minn jew akkreditati ma' xi entita' terza u mhux kif gie deskritt fis-sit elettroniku tal-konvenuta. Jirrizulta car illi l-izbalji tal-konvenuta kienu zbalji fil-lingwa Ingliza u fl-uzu hazin tal-kliem bl-Ingliz u ghalhekk m'huwiex konvint illi l-kliem fis-sit elettroniku saru b'xi intenzjoni ta' qerq. Illi in effetti rrizulta minn dokumenti ezebiti illi l-konvenuta kellha tbiddel il-websajt minhabba l-kelma 'school' u mhux ghaliex ic-centru ta' taghlim ma kienx licenzjat skont il-ligi. Illi kien biss l-uzu infelici tal-lingwa Ingliza li kkonfonda lill-attrici u hasbet illi hija kien ha jkollha certifikat mahrug mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Certifikat li hija qatt ma setghet tircievi u fil-fatt kif jirrizulta mix-xhieda taghha stess fil-kors sussegwenti li kienet ghamlet hija, inghata certifikat rikonoxxut 'internazzjonalment.'

Illi mir-reklami sussegwenti u li jezistu sal-lum t-Tribunal jirrilleva li l-konvenuta tirreklama centru ta' tahrig fid-dwiefer, xaghar u sbuhija u li wara li jitlestew il-korsijiet l-applikanti jinghataw certifikat mid-ditta THE EDGE ghal kors tad-dwiefer u certifikat mid-ditta Kleral System ghal kors ta' *hairdressing*.

Illi rrizulta car mill-provi li ebda centru ta' tahrig fis-sbuhija, dwiefer jew tax-xaghar f'Malta ma seta' jkun akkreditat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta wzat certu kliem fir-reklam taghha izda rrizulta li t-terminologija li uzat ma kienx konformi mad-direttivi tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghalhekk kellha tbiddel il-kliem tas-sit elettroniku. Izda il-kliem li kienet uzat qatt ma setghu jitqiesu illi ppruvaw jingannaw lill-applikanti.

Rigward il-kwalita' inferjuri tal-prodott iz-zewg atturi qalu li l-prodott li gie uzat matul il-kors ma kienx ta' kwalita' tajba tant illi meta kienu juzaw dan il-prodott waqt li kienu qieghdin jipprattikaw fuq membri tal-familja kellhom ilmenti li d-dwiefer kienu sfaru, li d-dwiefer kienu qed jinqassmu u li n-*nail extensions* kienu qieghdin jaqghu sa gurnata wara. Ilmentaw ukoll illi l-pakkett tal-prodott lanqas ma kien komplut. Intqal illi l-kwalita' tal-prodott tant ma kienx ta' kwalita' tajba li l-konvenuta kienet sahansitra biddlet il-prodott u issa qieghda tahdem bi prodott iehor.

It-Tribunal jirrilleva li l-konvenuta stqarret illi hija kienet biddlet il-prodott ghaliex kellha kundizzjonijiet ahjar mid-ditta The Edge tant illi llum kienet ukoll ticcertifika l-korsijiet li hija kienet taghmel u liema korisjiet huma rikonoxxuti mid-ditta li tirraprezenta.

It-Tribunal jasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenuta kienet topera *tuition centre* tad-dwiefer , xaghar u sbuhja fejn student seta' jtemm kors li jkun iccertifikat. Illi effettivament dan il-kors ma kienx akkreditat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif kienet qed taghti *d'intendere* l-konvenuta izda kellha l-permess li ticcertifika l-korsijiet hija stess. Illi c-certtifikat gie mahrug mill-konvenuta, li kienet licenzjata sabiex topera centru ta' taghlim tas-sbuhija.

Il-problemi inqalghu meta l-attrici Decelis marret sabiex isib xi xoghol u meta wriet ic-certifikati mahruga mill-konvenuta dawn ma gewx allegatament rikonoxxuti.

Fil-kaz in ezami t-Tribunal huwa konvint li l-konvenuta qatt ma riedet tinganna lill-applikanti tal-korsijiet taghha u hija skuzat ruhha mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ghal kwalunkwe' inkonvenjent li hija setghet ikkawzat minhabba l-kelma 'skola' li ntuzat bi zball fis-sit elettroniku. Fic-crikostanzi, t-Tribunal huwa konvint illi l-kliem *tuition centre* jew skola huma *interchangeable* ghal skopijiet tal-istudenti. Izda dan ma jfissirx illi nonstante l-izball fid-dicitura tar-reklam fis-sit elettroniku l-konvenuta ma setghetx topera centru ta' taghlim f'dan is-suggett.

Illi l-atturi hassewhom aggravati mill-fatt illi c-certifikat inhareg b'ingann u li l-prodott uzat kien ta'kwalita' inferjuri. Dwar ic-certifikat, it-Tribunal ma jhossx illi dan inhareg b'ingann izda pjuttost inhareg taht fehma zbaljata tal-konvenuta. Illi dwar l-allegazzjoni li l-prodott kien ta' kwalita' inferjuri, t-Tribunal ma jhossx illi l-atturi qanqlu dubju dwar il-kwalita' tal-prodott izda ma jhossx illi t-talba attrici dwar il-kwalita' tal-prodott timmerita akkoljiment fis-shih. Il-fatt li l-konvenuta ghazlet ditta wahda u skartat l-ohra jista' jfisser illi kellha kundizzjonijiet iktar favorevoli u mhux necessarjament li l-prodott kien ahjar.

Skont il-konvenuta hija kienet biddlet il-prodott ghaliex dehrilha li kellha kundizzjonijiet ahjar mid-ditta ta' qabel u mhux ghaliex il-prodott kien aqwa. Izda t-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax illi jekk fil-fatt il-prodott kien daqstant tajjeb ghaliex dehrilha tbidlu.

Wara li sema' u evalwa l-provi, t-Tribunal jikkonkludi li c-certifikat mahrug mill-konvenuta qatt ma seta' jkun mahrug mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ghaliex dan qatt ma kien possibbli. Illi l-uzu hazin tal-Ingliz seta' forsi zgwida lill-istudenti izda dawn kellhom kull opportunita' jikkjarifikaw l-kliem fir-reklam qabel ma hallsu ghal kors. Illi effettivament c-certifikat mahrug mill-konvenuta kien certifikat skont il-ligi. Illi jista' jkun illi l-kwalita' tac-certifikat *per se* ma kienx mill-aqwa izda dan ma jfissirx illi l-konvenuta ma setghetx tohrog certifikati ghaliex hija kienet licenzjata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Illi minn lista ta' 'l fuq minn erbghin student tal-kors tad-dwiefer ezebita in atti, tnejn biss ilmentaw.

Illi dwar l-allegazzjoni attrici li l-prodotti suppliti ma kienux ta' kwalita' tajba it-Tribunal ihoss illi mill-provi jirrizulta li gie mqanqal dubju izda dan id-dubju m'huwiex serju bizzejjed sabiex jakkolji l-ammont shih tat-talba. Fic-cirkostanzi, t-Tribunal ihoss illi ghandu jilqa' t-talba attrici *in parte* u *arbitrio bon viri* jikkundanna lill-konvenuta thallas lil kull wahda mill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) bhala rifuzjoni ta' parti mis-somma

mahruga mill-atturi u liema somma ghandha tkopri l-prodotti li ma setghux jigu iktar uzati minnhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li *arbitrio boni viri* qieghed jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenuta thallas lil kull wahda mill-atturi limitatament fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez jinqasmu zewg terzi a karigu ta' l-atturi u terz a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------